Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Numru 174/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Mason Nehls**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Mason Nehls** ta' 20 sena, iben Michael u Rita nee' Abela mwieled Pieta nhar il-15 ta' Settembru 1993 u residenti Block V, Flat 5, Triq il-Fuxa, Santa Lucija, jew 13, Carmdor, Triq it-Tiben, Marsascala, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 416593M:

Akkuzat talli gewwa Haz Zabbar nhar il-15 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-4.45 ta' wara nofsinhar, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe`, li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-

hajja ta' Mikela Borg minn Haz Zabbar f'perikolu car, kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-imsemmija Mikela Borg minn Haz Zabbar, skont ma ccertifika t-tabib tal-Poliklinika ta' Floriana, Dr Stephanie Frendo, 3223 MD;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mikela Borg, minn Haz Zabbar, f'perikolu car, kkaguna offiza ta' natura gravi u cioe sfregju fuq il-persuna taghha;

U iktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi f'diversi okkazzjonijiet bl-imgieba tieghu, holoq biza' lil Mikela Borg minn Haz Zabbar li ser tintuza vjolenza kontrieha, jew kontra l-persuna jew proprjeta` ta' dixxendenti, axxendenti, ahwa subien jew bniet, u jew xi persuna ohra kif imsemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi jew individwi ohra jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghal skop ta' protezzjoni tal-persuni lezi jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat u dan a terminu tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat, kif registrata fl-atti tas-seduta tas-17 ta' Frar 2014, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu li mhix wahda allarmanti, kif ukoll illi l-imputat kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Il-Qorti qieset ukoll l-eta` tal-imputat u s-sottomissjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi jkun ghaqli illi l-imputat jigi segwit minn Ufficjal tal-*Probation*.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 216(1)(b) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tgieghdu taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet snin (3) mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni ta' *Probation* hawn anness, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma ruhu mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti qeghda wkoll a tenur tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati, favur il-parti leza Mikela Borg u l-familjari taghha, permezz ta' liema Ordni qeghda tipprojbixxi lill-hati milli javvicina u jikkuntattja jew ikellem, kemm direttament, kif ukoll indirettament, lill-istess parti leza u lill-familjari taghha. Din l-Ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghal zmien sentejn millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*.

Il-Qorti tordna li din is-sentenza, flimkien mal-atti ta’ din il-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------